


**Rapport Annwali**  
2012




**BERS**

Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku

Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja

**Rapport Annwali**  
2012



**BERS**  
**Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku**  
Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja

# Werrej

Kelmtejn qabel.....	4
Sommarju eżekuttiv.....	5

## Kelmtejn qabel



Mario Draghi  
President tal-Bord Ewropew dwar  
ir-Riskju Sistemiku

Għandi pjaċir nippreżenta t-tieni Rapport Annwali tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) – il-korp indipendenti tal-Unjoni Ewropea (UE) li huwa responsabbli għas-sorveljanza makroprudenzjali tas-sistema finanzjarja tagħha. Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jassiguralu s-Segretarjat u jipprovdi ukoll b'sostenn analitiku, statistiku, loġistiku u amministrattiv. Ir-rapport jagħti rendikont sħiħ tal-attivitajiet tal-BERS fit-tieni sena tal-eżistenza tiegħu. Din kienet sena ta' ħidma intensiva bil-ħsieb li jiġi stabbilit qafas makroprudenzjali solidu fl-Unjoni Ewropea filwaqt li jiġu identifikati u jittieħdu passi biex jittaffew ir-riskji sistemiċi fis-sistema finanzjarja tal-UE.

Dan ir-rapport jibda billi jagħti stampa komprensiva tal-evalwazzjoni tal-BERS dwar ir-riskju sistemiku. Wara jgħaddi biex jagħti ħarsa ġenerali lejn it-tweġiba għar-riskji identifikati skont il-politika tal-BERS u jagħlaq b'deskrizzjoni tal-azzjonijiet li ħa l-BERS biex jiżgura l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri skont il-linja politika kif ukoll ir-responsabbiltà sħiħa għalihom. Aktar tagħrif dwar il-BERS u l-attivitajiet tiegħu jinsab fil-websajt tal-BERS ([www.esrb.europa.eu](http://www.esrb.europa.eu)).

Dan ir-rapport tnejja skont l-Artikolu 19 tar-Regolament tal-BERS<sup>1</sup> li jgħid li "mill-anqas darba fis-sena u aktar spiss fil-każ ta' inkwiet finanzjarju mifruq, il-President tal-BERS għandu jiġi mistieden għal seduta ta' smiġħ annwali fil-Parlament Ewropew fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni tar-rapport annwali tal-BERS għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill". Se jkollu l-privileġġ nippreżenta dan ir-rapport lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON) tal-Parlament Ewropew f'seduta ta' smiġħ pubblika li għandha ssir fit-8 ta' Lulju 2013.

Frankfurt am Main, Lulju 2013

Mario Draghi  
President tal-BERS

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku.

## Sommarju eżekuttiv

L-għan tal-BERS huwa li jidentifika t-theddiet sistemiċi f'fażi bikrija biex hekk ikunu jstgħu jittieħdu miżuri proattivi li jillimitaw l-impatt tal-iżviluppi li ma jkunx hemm kontroll fuqhom. It-tieni sena ta' ħidma tal-BERS kienet mimlija b'għadd ta' avvenimenti b'implikazzjonijiet reali u/jew potenzjali għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni Ewropea. Filwaqt li ħafna minn dawn l-avvenimenti kienu kkawżati mill-vulnerabbiltajiet ċikliċi tas-sistema, uħud kienu theddiet strutturali li diġà kienu ġew identifikati mill-BERS fl-2011.

It-theddida ġenerali għall-istabbiltà sistemika fl-2012 ġiet mir-reazzjonijiet negattivi kontinwi kkawżati mir-rabta bejn id-deterjorament tat-tbassir makroekonomiku u l-fraġilitajiet fis-sistema finanzjarja. L-effetti ta' dawn ir-reazzjonijiet negattivi kontinwi kienu evidenti fis-subsetturi finanzjarji kollha, bis-settur bankarju identifikat bħala settur partikolarment vulnerabbli. Barra dan, xi swieq tal-assigurazzjoni fl-Unjoni Ewropea ntlaqtu mill-ambjent ta' rati tal-imgħax baxxi fit-tul. L-identifikazzjoni tar-riskji għall-istabbiltà sistemika ġie ffaċilitat bl-iżvilupp tat-tabella tar-riskji tal-BERS li ilha tixxandar wara kull laqgħa tal-Bord Ġenerali minn Settembru 2012.

Min-naħa strutturali, il-BERS identifika għadd ta' vulnerabbiltajiet li seta' jkollhom implikazzjonijiet għall-istabbiltà finanzjarja. L-interkonnettività fi ħdan is-setturi finanzjarji u r-riskju ta' kontagġu baqgħu qasam importanti ta' attenzjoni fir-rigward tal-monitoraġġ tar-riskju min-naħa tal-BERS fl-2012. L-evalwazzjonijiet tal-BERS dwar ir-riformi regolatorji ppjanati u eżistenti kienu jkopru, b'mod partikolari, il-ħidma dwar l-infrastrutturi tas-swieq, bħall-kontropartijiet ċentrali (CCP), u l-iżvilupp tal-istrumenti ta' risoluzzjoni. Barra dan, il-BERS żamm taħt għajnejh l-iskopertura tas-settur finanzjarju għad-dejn sovrani. Il-metodi ta' valutazzjoni li ntużaw mill-industrija tal-fondi tas-suq monetarju (MMF) tqiesu wkoll bħala sors sinifikanti tar-riskju sistemiku.

Meta evalwa t-tibdil fl-istruttura finanzjarja tal-Unjoni Ewropea, il-BERS kompli jfittex l-għan doppju tiegħu li jevita u li jtaffi r-riskji sistemiċi għas-sistema finanzjarja tal-UE filwaqt li jqis il-ħtieġa ta' sostenn għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern kif ukoll għall-irkupru ekonomiku. Ir-rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea minn Jannar 2012 kienu jkopru (i) il-finanzjament tal-istituzzjonijiet ta' kreditu; (ii) il-fondi tas-suq monetarju (MMF); u (iii) it-twaqqif ta' qafas għall-użu tal-istrumenti makroprudenzjali. Baqgħet għaddejja wkoll il-ħidma dwar kwistjonijiet makroprudenzjali rilevanti, bħar-riskju tal-kontagġu, is-sistema bankarja parallela (*shadow banking*) u t-tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli (SFT), kif ukoll dwar aspetti sistemiċi marbuta mal-istabbiltà fil-leġiżlazzjoni ġejjiena tal-Unjoni Ewropea.

Fil-perjodu tal-analiżi, il-BERS ħa passi biex iħeġġeġ ir-responsabbiltà u jiżgura l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu permezz ta' seduti ta' smiġħ, laqgħat u seminars u billi tejjeb l-istrumenti ta' komunikazzjoni. Il-BERS żviluppa wkoll qafas li jippermetti li jsiru evalwazzjonijiet oġġettivi u koerenti dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mid-destinatarji. Bi qbil mar-Regolament tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, bħalissa qiegħed isir rieżami tal-BERS.

© Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku

**Indirizz**

Kaiserstrasse 29  
60311 Frankfurt am Main  
Il-Ġermanja

**Telefon**

+49 69 1344 0

**Websajt**

<http://www.esrb.europa.eu>

**Fax**

+49 69 1344 6000

*Il-jeddijiet kollha miżmuma.*

*Ir-riproduzzjoni għal għanijiet edukattivi u mhux kummerċjali hija permessa sakemm jissemma s-sors.*

*Id-data tal-għeluq għad-dejta inkluża fir-rapport hija t-30 ta' April 2013.*

*It-traduzzjoni tar-Rapport Annwali 2012 tal-BERS bil-Malti tiġbor fiha biss il-Kelmtejn Qabel u s-Sommarju Eżekuttiv. Għal aktar tagħrif jekk jogħġbok ara l-verżjoni sħiħa bl-Ingliż li tinsab fil-websajt tal-BERS (<http://www.esrb.europa.eu>).*

ISBN 978-92-899-1005-7 (onlajn)

ISSN 1977-5601 (onlajn)

Numru tal-katalgu tal-UE DT-AA-13-001-MT-N

